# L-iskola primarja tal-gvern ta' Ħal Lija – waħda mill-ewwel skejjel ta' Malta



**Dr George Cassar B.A.(Educ.), M.Ed., Ph.D.**

Sakemm Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi fl-1800, l-edukazzjoni kienet għadha fi stat fqir ħafna u għalhekk ma kontx tistenna li ssib skejjel fl-irħula żgħar jekk anqas kien hawn skejjel f'irħula akbar u aktar importanti. Wieħed jista' jgħid li għall-familji Maltin li fil-maġġoranza tagħhom kienu fqar, kienet ferm diffiċli li jibagħtu lil uliedhom f'xi skola kemm minħabba l-istess faqar tagħhom u kif ukoll għax ma kienx hawn skejjel fejn jintbagħtu. Għas-sinjuri l-għażla kienet aktar faċli. Kien hemm min jibgħat lit-tfal għand għalliema privati jew kienu jġibu l-għalliem id-dar.[1] Oħrajn kienu jiktbu lil uliedhom fi skejjel żgħar privati li kien hawn f'Malta, ħafna minnhom taħt għalliema barranin.[2] Jidher li kien hemm mhux inqas minn 39 skola privata bejn l-1800 u l-1840.[3]

Fl-ewwel snin ta' ħakma Ingliża f'Malta, il-gvern kien għadu ma rax il-bżonn ta' sistema ta' edukazzjoni fuq bażi nazzjonali. L-uniku pass konkret lejn xi forma ta' edukazzjoni għall-popolin ittieħed fl-1819 minn *Normal School Society*, għaqda filantropika, li fetħet numru ta' skejjel fosthom fil-Belt Valletta, fl-Isla u fiż-Żejtun.[4] F'sitwazzjoni bħal din ma kontx trid wisq biex tifhem id-deskrizzjoni misjuba f'kitba li turi l-qagħda ta' l-edukazzjoni fl-ewwel snin ta' Malta taħt l-Ingliżi fejn jingħad li l-kultura taż-żgħażagħ kienet tħalliet lura. L-iskejjel privati kienu ftit u fihom kienu jiġu mgħallma biss il-prinċipji basiċi tat-Taljan u l-Latin.[5] U din il-qagħda tkompli tiġi deskritta lanqas jistà jeħodha minn wieħed mix-xhieda li deher quddiem il-Kummissjoni Rjali li ġiet Malta fl-1836 fejn qal li, per eżempju, f'raħal bħall-Mosta ma kienx hemm aktar minn 50 ruħ li setgħu jaqraw minn popolazzjoni ta' 3,734 ruħ.[6]

Din il-kummissjoni rjali, magħmula minn John Austin u George Cornwall Lewis, kienet ġiet mibgħuta Malta biex tifli s-sitwazzjoni tal-kolonja u tissuġġerixxi titjib. Ir-rapport li ħareġ din il-Kummissjoni, ippreżentat fis-27



www.santandrijalija.com

ta' April 1839, kien importanti għax, fuq l-instigazzjoni tiegħu, il-gvern f'Malta issa beda jieħu sehem aktar ħaj u dirett fl-organizzazzjoni ta' l-edukazzjoni pubblika. Minħabba dan ir-rapport il-gvern jidher li sar ħafna aktar konxju tar-responsabbiltà tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni popolari u għalhekk ta bidu għall-proċess li jipprovdi tagħlim elementari b'xejn.[7] Fil-fatt Austin u Lewis għamluha ċara li l-edukazzjoni f'Malta kienet ftit fil-kwantità u fqira fil-kwalità. Huma saħqu li, fil-fehma tagħhom, din ma setgħetx tikber jew tissaħħaħ b'mod sodisfaċenti jekk il-proċess ta' żvilupp u titjib ma kienx se jkun megħjun mill-gvern.[8]



*L-Iskola ta' Ħal Lija fi Strada San Antonio.*

Bis-saħħa tar-rakkomandazzjonijiet ta' din il-kummissjoni rjali, twaqqaf kumitat tat-tmexxija bl-inkarigu li jfassal u jiftaħ l-ewwel skejjel għall-poplu kif issuġġerit minn Austin u Lewis flimkien ma' Sarah, il-mara ta' John Austin, li tant ħadmet biex tinfirex l-edukazzjoni f'Malta.

L-ewwel skejjel ġodda għas-subien kellhom jinfetħu fl-Imdina, iż-Żejtun, iż-Żurrieq, Ħaż-Żebbuġ u Ħal Lija. Dawk tal-bniet kienu maħsuba għall-Imdina, iż-Żejtun u Ħal Lija. Dawn l-iskejjel kellhom iservu ta' ċentri għall-irħula tal-viċin. Filwaqt li l-iskola ta' l-Imdina nfetħet fl-1837, dik ta' Ħal Lija nfetħet f'Mejju tas-sena ta' wara.

L-iskola primarja f'Ħal Lija kellha sservi bħala ċentru għat-tfal minn Ħal Lija, Ħal Balzan, Ħ' Attard, Birkirkara, il-Mosta, in-Naxxar u Ħal Għargħur.[9] L-attendenza fl-iskola ta' Ħal Lija minn dawn it-tfal mill-irħula msemmija ma kinitx obbligatorja u għalhekk in-numru ta' studenti ma kienx ikun kbir wisq meta mqabbel man-numru tal-popolazzjoni ta' tfal dak iż-żmien. Kien hemm ukoll id-distanza bejn l-irħula li f'ħafna każi ma kinitx żgħira u, barra minn hekk, it-tfal kienu jistmellu t-tagħlim, li kien isir bit-Taljan fis-suġġetti kollha fl-iskola.[10]

L-iskola ta' Ħal Lija kienet fi Strada San Antonio u l-ewwel għalliem ta' l-iskola tas-subien kien Giuseppe Madiona b'salarju ta' £35 fis-sena. Dan kellu taħtu 215-il tifel. L-għalliema ta' l-iskola primarja tal-bniet kient Carmela Camilleri b'salarju ta' £20 fis-sena. Kellha taħta 145 tifla. Ta' min jgħid li fl-1838 fost l-iskejjel primarji tal-gvern, jekk tħalli barra l-iskola tal-Belt Valletta, l-iskola ta' Ħal Lija kellha l-akbar numru ta' studenti subien u bniet meta mqabbla ma' l-iskejjel l-oħra kollha. L-iskola ta' Ħal Lija kienet tingħata mill-gvern is-somma ta' £150 fis-sena biex tixtri l-kotba, il-lavanji, il-lapsijiet, u oġġetti oħra ta' bżonn għax-xogħol tagħha. Kellha wkoll £5 oħra għal xi spejjeż li kienu jinqalgħu u mhux maħsuba minn qabel.[11] Sa l-1840 jidher li l-għalliem li kien jieħu ħsieb l-iskola tas-subien kien inbidel u issa sar Luigi Micallef. Is-salarju tiegħu kien baqa' ta' £35 fis-sena. L-għalliema tal-bniet baqagħet Carmela Camilleri bl-istess ħlas. Madankollu dehret qabża kbira fin-numru ta' studenti. Issa s-subien fl-iskola kienu 80 u l-bniet kienu 40. Jidher li kważi f'kull skola minn dawk li kienu nfetħu n-numru ta' studenti niżel u niżel b'mod sostanzjali.[12]

Kienu għadu ma bediex jinħass l-entużjażmu għat-tagħlim u żgur ma kinux għadhom daħlu l-liġijiet li jobbligaw lil ġenituri jibagħtu lil uliedhom l-iskola bil-fors.

**Referenzi**


1 Ara bhala eżempju (Pullicino, F.), *Cenni Biografici del defunto Mons. Dr. Don Filippo Amato Arcidiac. e Vicario Generale della Diocesi di Malta* (Malta, 1864), 5.

2 Numru ta' skejjel privati li kienu jeżistu madwar l-1810 jaghtihom W. Domeier, *Observations on the Climate, Manners and Amusements of Malta; principally intended for the information of Invalids repairing to the Islands for the recovery of health* (Londra, 1810),103.

3 J. Debono, 'La Società delle scuole normali della Valletta' A brief historical backdrop', *Melita Historica*, xii/1 (Malta, 1996), 48.

4 Għal aktar informazzjoni fuq dawn l-iskejjel u din is-Soċjetà ara, J. Zammit Mangion, *Education in Malta* (Malta, 1992), 17; Debono, 47-74.

5 N.Z., *In Morte del Dottor Giuseppe Clinquant* (Malta, 1868), 12-3.

6 Royal Commission of Enquiry, *Copies or Extracts of Reports of the Commissioners appointed to inquire into the Affairs of the Island of Malta and of Correspondence thereupon*, II (Londra,1838), 41, ikkwotata f'Debono, 70.

7 J.J. Camilleri, 'Early Government Schools in Malta', *Melita Historica*, v/3 (Malta, 1970), 260.

8 Royal Commission of Enquiry: *Copies or Extracts of Reports of the Commissioners appointed to inquire into the Affairs of the Island of Malta and of Correspondence thereupon*, III (Londra, 1839), 42.

9 Camilleri, 262 u nota 16.

10 Ara per eżempju, M.A. Sant, 'Mosta through the ages', L.J. Scerri, (ed.) *Mosta The Heart of Malta*, (Malta, 1996), 37.

11 *Malta Blue Book 1838* (Malta, 1838), 206-7.

12 *Malta Blue Book 1840* (Malta, 1840), 204-5.




www.santandrijalija.com